MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 266/2011/1

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti minn Malta Elena Maci**
***versus***
***European Insurance Group Limited* (C35708)**

1. Dan il-provvediment huwa fuq rikors tas-soċjetà *European Insurance Group Limited* [“ir-Rikorrenti”] għas-sospensjoni ta’ proċediment għall-eżekuzzjoni ta’ sentenza magħmul fil-25 ta’ Awissu 2011 taħt l-art. 46 tar-Regolament tal-Kumsill (KE) numru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni, għarfien u eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materja ċivili u kummerċjali (*Bruxelles I*).

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Fis-6 ta' Frar 2010 ingħata mit-Tribunal ta' Lecce, fl-Italja, *decreto ingiuntivo* ["is-Sentenza taljana"] fl-ismijiet Elena Maci *v. European Insurance Group Limited* li ikkundanna lir-Rikorrenti tħallas lil Elena Maci ["il-Kreditriċi"] s-somma ta' mitejn elf euro (€200,000), barra l-imgħaxijiet relativi u l-ispejjeż ta' elfejn, mija u disgħa u ħamsin euro (€2,159). B'rikors maħluf ippreżentat quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Lulju 2010 l-Kreditriċi talbet illi l-qorti tiddikjara s-Sentenza taljana eżegwibbli f'Malta. Din it-talba tal-Kreditriċi ntlaqgħet b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2010 ["is-Sentenza maltija"].

3. Ir-Rikorrenti tgħid illi t-Tribunal ta' Lecce kien ta erbgħin jum min-notifika tas-Sentenza taljana biex hi tkun tista' tappella minnha u, fin-nuqqas, l-istess Sentenza taljana tkun eżegwibbli. Hija saret taf bis-Sentenza taljana meta kienet notifikata bir-rikors tat-22 ta' Lulju 2010 (li miegħu kien hemm mehmuża kopja tas-Sentenza taljana) u għalhekk fis-26 ta' Jannar 2011[1] ippreżentat *atto di citazione in opposizione a decreto ingiuntivo* ["*Atto di Citazione*"], li r-Rikorrenti tgħid huwa forma ta' appell ordinarju kif imsemmi fl-art. 46 tar-Regolament *Bruxelles I*.

4. Ir-Rikorrenti appellat ukoll mis-Sentenza maltija u qiegħda issa, bir-rikors tallum li sar taħt l-art. 46 tar-Regolament *Bruxelles I*, titlob is-sospensjoni tal-proċedimenti għall-eżekuzzjoni tas-Sentenza taljana sakemm tingħata deċiżjoni fuq l-oppożizzjoni li kienet għamlet kontra s-Sentenza taljana bl-*Atto di Citazione*.

5. It-talba tar-Rikorrenti hija msejsa fuq l-art. 46 tar-Regolament *Bruxelles I*:

*Artikolu 46*

1. Il-qorti li fih [*recte*, fiha] l-appell ikunu [*recte*, ikun] ġie ippreżentat permezz tal-Artikolu 43 jew l-Artikolu 44 jista' [*recte*, tista'], mal-applikazzjoni tal-parti li kontra tagħha jkun imfittex, jissosspendi [*recte*, tissospendi] l-proċedimenti jekk ikun tressaq appell ordinarju kontra s-sentenza fl-Istat Membru ta' oriġini jew jekk iż-żmien għal dak l-appell ma jkunx għadu skada; f'dan il-każ tal-aħħar, il-qorti tista' tispeċifika iż-żmien li fih għandu jiġi mressaq dan l-appell.

---

[1] Mill-att jidher illi d-data kienet it-13 ta' Jannar 2011.

6. Talba bħal din tista' tintlaqa' jekk, fi kliem l-art. 46, "ikun tressaq appell ordinarju kontra s-sentenza" li tagħha tkun qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni. L-*Atto di Citazione* li bih tressaq l-appell igħid illi sar taħt l-art. 650 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili taljan li jirregola "*opposizione tardiva*":

«*Art. 650 Opposizione tardiva*

«*L'intimato può fare opposizione anche dopo scaduto il termine fissato nel decreto, se prova di non averne avuta tempestiva conoscenza per irregolarità della notificazione o per caso fortuito o forza maggiore*.

«*In questo caso l'esecutorietà può essere sospesa a norma dell'articolo precedente.*

«*L'opposizione non è più ammessa decorsi dieci giorni dal primo atto di esecuzione.*»

7. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk dan huwiex mezz "ordinarju" ta' appell jew le – materja regolata bil-liġi taljana – il-qorti tosserva illi taħt l-art. 650 il-qorti taljana għandha setgħa li tissospendi l-eżekuzzoni tas-sentenza meta jsir appell jew att ta' oppożizzjoni taħt dak l-artikolu. Għalkemm din il-qorti wkoll għandha l-istess setgħa taħt l-art. 46 tar-Regolament *Bruxelles I*, tifhem illi, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ir-rispett reċiproku bejn il-qrati fl-ispazju ġudizzjarju ewropew irid illi tingħata l-preċedenza lill-qorti tal-pajjiż ta' oriġini għax dik il-qorti tkun f'pożizzjoni aħjar mill-qorti tal-pajjiż li fih tkun imfittxija l-eżekuzzjoni biex tara hemmx raġunijiet biżżejjed għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni.

8. Fi kliem ieħor, fil-każ tallum, it-Tribunal ta' Lecce huwa f'pożizzjoni aħjar minn din il-qorti biex jara jekk ir-raġunijiet għall-impunjazzjoni tas-Sentenza taljana humiex serji biżżejjed biex jissospendi l-eżekuzzjoni tagħha kif għandu s-setgħa li jagħmel taħt l-art. 650 tal-*Codice di Procedura Civile*. Jekk it-Tribunal ta' Lecce ma wasalx biex jissospendi l-eżekuzzjoni, din il-qorti għandha biss eċċezzjonalment tasal biex tissospendi l-eżekuzzjoni hi.

9. Fil-każ tallum ma tressqet ebda prova illi t-Tribunal ta' Lecce issospenda l-eżekuzzjoni tas-Sentenza taljana fl-Italja; anzi, l-informazzjoni mogħtija fid-dokument esebit b'nota tal-31 ta' Mejju 2012[2] juri illi r-Rikorrenti x'aktarx tilfet l-interess fil-proċeduri quddiem dak it-tribunal tant illi

[2] Ittra tat-30 ta' Mejju 2012.

ħadd ma deher għaliha fl-ewwel seduta u "*le pretese ragioni a giustificazione della tardività dell'opposizione non sono state provate*". Ukoll, id-dokument esebit b'nota tal-24 ta' Lulju 2012, li huwa ordinanza maħruġa mit-Tribunal Ċivili ta' Lecce fl-14 ta' Ġunju 2012, "*dichiara estinto il giudizio* [*di opposizione a decreto ingiuntivo*] *e conferma l'esecutività del d*[*ecreto*] *i*[*ngiuntivo*] (is-Sentenza taljana)". Għalhekk, ladarba s-Sentenza taljana għadha eżegwibbli fl-Italja, fin-nuqqas ta' raġunijiet eċċezzjonali għandha tibqa' eżegwibbli f'Malta wkoll.

10. Ir-Rikorrenti, iżda, qiegħda tgħid illi effettivament hemm dik ir-raġuni eċċezzjonali għala din il-qorti għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tas-Sentenza taljana minkejja nuqqas ta' provvediment f'dan is-sens mit-Tribunal ta' Lecce. Ir-raġuni hi illi fid-29 ta' Settembru 2011 inħatar stralċjarju mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni [Kap. 403] u għalhekk ir-Rikorrenti llum hija fi stralċ. Għalhekk, tgħid ir-rikorrenti, igħodd l-art. 222 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]:

**222.** Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

11. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk l-art. 222 igħoddx ukoll għal stralċ magħmul mhux mill-qorti iżda minn awtorità oħra, il-qorti tosserva illi l-art. 222 tal-Kap. 386 ma jgħidx illi sentenza mogħtija kontra kumpannija fi stralċ ma tibqax eżegwibli; li jgħid hu illi mandat maħruġ wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null. Għalhekk, ma tistax tingħata sospensjoni ġenerali tal-eżekuzzjoni tas-Sentenza taljana, kif qiegħda tippretendi r-Rikorrenti fir-rikors tallum; li jista' jingħata hu t-tħassir ta' mandat partikolari jekk jintwera li jkun inħareġ wara d-data relevanti, li ma huwiex il-meritu tar-rikors tallum.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tal-25 ta' Awissu 2011 għas-sospensjoni tal-proċedimenti għall-eżekuzzjoni tas-Sentenza taljana.

13. L-ispejjeż ikunu regolati fis-sentenza finali fuq l-appell mis-Sentenza maltija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------